MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2009

Numru. 1439/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Joseph Vella ta' 39 sena, iben Simon u Julia sive Julie nee` Debono, imwieled Qormi fit-23 ta' Lulju, 1969 u li joqghod nru. 101, Triq San Guzepp, Pieta, detentur ta' karta ta' l-identita nru. 451969M.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Vella u cioe` talli fil-21 ta' Novembru, 2007, ghall-habta tal-11.30a.m., gewwa mahzen tas-socjeta Roger Satariano & Sons Co. Ltd. (ex-Medairco showroom), adjacenti ma l-ufficini ta' l-istess socjeta` fi Triq il-Wied, Birkirkara, flimkien ma zewg persuni ohra, bil-hsieb li jikkommetti delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikujn serq aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi li saru definittivi w li ma jistghux jigu mibdula.

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tl-20 ta' Awissu, 2008;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat;

Illi  fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat kif ukoll il-fatt illi l-ebda hsara ma giet sofferta mill-parte leza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 280(2), 41(1)(a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdix l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi mibghuta lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------